

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ġunju 2009 —  
Timmer vs Il-Qorti tal-Awdituri**

(Kawża T-340/08 P) <sup>(1)</sup>

*("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni —  
Fatti ġodda u sostanzjali — Appell parżjalment manifesta-  
ment inammissibbli u parżjalment manifestament infondat")*

(2009/C 233/30)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Marianne Timmer (Saint-Sauves-d'Auvergne, Franzia)  
(rappreżentant: F. Rollinger, avukat)

Appellata: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej (rappre-  
żentanti: T. Kennedy, J.-M. Steiner u G. Corstens, aġenti)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni  
Ewropea (It-Tieni Awla) tal-5 ta' Ġunju 2008, Timmer vs Il-  
Qorti tal-Awdituri (F-123/06, li għadu ma ġiex ippubblifikat fil-  
Għabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Marianne Timmer għandha tħalli l-ispejjeż tiegħi kif ukoll dawk  
sostnuti mill-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej fil-  
kuntest ta' din l-istanza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 285, 08.11.2008

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ġunju 2009 —  
Nijs vs Il-Qorti tal-Awdituri**

(Kawża T-371/08 P) <sup>(1)</sup>

*("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Deċiżjoni ta'  
ħatra tas-superjur tar-rikorrent — Kompetizzjoni interna —  
Elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Persunal — Deċiżjoni li ma  
tingħatax promozzjoni lir-rikorrent għas-sena 2006 — Appell  
in parti manifestament inammissibbli u in parti manifesta-  
ment infondat")*

(2009/C 233/31)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Bart Nijs (Bereldange, il-Lussemburgo) (rappreżentanti:  
F. Rollinger u A. Hertzog, avukati)

Appellata: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej (rappre-  
żentanti: T. Kennedy, J.-M. Stenier u J. Vermer, aġenti)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni  
Ewropea (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Ġunju 2008, Nijs vs Il-Qorti  
tal-Awdituri (F-5/07, li għadu ma ġiex ippubblifikat fil-ġabba),  
intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) B. Nijs għandu jħalli l-ispejjeż tiegħi kif ukoll dawk sostnuti mill-  
Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest ta' din l-  
istanza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 301, 22.11.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ġunju 2009 —  
Nijs vs Il-Qorti tal-Awdituri**

(Kawża T-376/08 P) <sup>(1)</sup>

*("Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Rapport ta'  
evalwazzjoni għall-perijodu 2005/2006 — Deċiżjoni li ma  
tingħatax promozzjoni lir-rikorrent għas-sena 2007 — Deċiż-  
joni tal-Qorti tal-Awdituri li ggħedded il-mandat tas-Segretarju  
Ġenerali tagħha — Appell in parti manifestament inammis-  
sibbi u in parti manifestament infondat")*

(2009/C 233/32)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Bart Nijs (Bereldange, il-Lussemburgo) (rappreżentanti:  
F. Rollinger u A. Hertzog, avukati)

Appellata: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej (rappre-  
żentanti: T. Kennedy, J.-M. Stenier u G. Corstens, aġenti)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni  
Ewropea (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Ġunju 2008, Nijs vs Il-Qorti  
tal-Awdituri (F-1/08, li għadu ma ġiex ippubblifikat fil-ġabba),  
intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

- (1) L-appell huwa miċħud.

(2) B. Nijs għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Qorti tal-Audituri tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest ta' din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 301, 22.11.2008.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Lulju 2009 — TerreStar Europe vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-196/09 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Deċiżjoni li tirrigwarda l-għażla tal-operaturi tas-sistemi pan-Ewropej li jipprovdū servizzi mobbli permezz tas-satellita — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta’ urġenza”)*

(2009/C 233/33)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: TerreStar Europe Ltd (Londra, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: R. Olofsson, avukat, u J. Killick, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Braun u A. Nijenhuis, assistenti minn K. Plateau u D. Van Liedekerke, avukati)

**Suġġett**

Essenzjalment, talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/449/KE, tat-13 ta' Mejju 2009, dwar l-għażla tal-operaturi tas-sistemi pan-Ewropej li jipprovdū servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) (ĠU L 149, p. 65).

**Dispożittiv**

- (1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- (2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2009 — Evropaiki Dynamiki vs EASA**

(Kawża T-297/09)

(2009/C 233/34)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proigmata Systimata Tilepi-koinionon Pliroforikis kai Tilematikis AE (Atheni, il-Greċja) (irrapreżentata minn: N. Korogiannakis u M. Dermitzakis, avukati)

Konvenuta: L-Āgenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjonijiet ta' EASA li jagħiżlu l-offerti tar-rikorrenti, ippreżentati b'risposta għas-sejħa miftuħa għal offerti EASA.2009.OP.02 Lott 1, Lott 2, Lott 3 u Lott 5 dwar servizzi tal-ICT (ĠU 2009/S 22-030588) bħala t-tieni u t-tielet appaltatur tal-cascade mechanism, ikkomunikati lir-rikorrenti permezz ta' erbgħa ittri separati tat-12 ta' Mejju 2009, tat-8 ta' Lulju 2009, tat-13 ta' Lulju 2009 u tal-15 ta' Lulju 2009 u kull deċiżjoni ulterjuri relatata ta' EASA inkluża d-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lill-appaltatur li l-offerta tiegħu rnexxiet;

— tordna lil EASA tħallas id-danni li ġarrbet ir-rikorrenti firrigward tal-proċedura ta' sejħa għal offerti inkwistjoni fl-ammont ta' EUR 6 100 000;

— tikkundanna lil EASA għall-ispejjeż legali u spejjeż oħra inkorsi fdak li għandu x'jaqsam ma' dan ir-rikors, anki jekk dan ir-rikors jiġi miċħud..

**Motivi u argumenti prinċipali**

Fil-kawża preżenti, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-rikorrenti li tagħżel l-offerti tagħha ppreżentati b'risposta għas-sejħa miftuħa għal offerti ta' servizzi tal-ICT (EASA.2009.OP.02) bħala t-tieni u t-tielet appaltatur tal-cascade mechanism, u li tagħti l-kuntratt lill-appaltatur li l-offerta tiegħu rnexxiet. Ir-rikorrenti titlob ukoll kumpens għal danni li hija allegatament ġarrbet minħabba l-proċedura ta' sejħa għal offerti.

Insostenn tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti tressaq il-motivi li ġejjin.

L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta kisret il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' trattament ugħali peress li naqset milli tessera l-kriterji ta' esklużjoni stabiliti mill-Artikoli 93(1) u 94 tar-Regolament Finanzjarju (<sup>1</sup>) billi ma eskludietx mill-proċedura ta' sejħa għal offerti wieħed mill-membri tal-konsorzu magħżul li qed jiġi akkużat mill-aworitajiet nazzjonali u li anki ammetta li kien ħati li wettaq attivitat jillegħi u b'mod spċificu ħati ta' frodi u ta' korruzzjoni passiva u attiva, fil-kuntest tal-għoti ta' kuntratt minn awtoritajiet pubbliċi fl-Unjoni Ewropea, u internazzjonalment, kif ukoll tal-falsifikazzjoni ta' kontabbiltà kif ukoll appaltatur ieħor li naqas b'mod serju li jwettaq l-obblighi kuntrattwali tiegħu firrigward tal-Kummissjoni Ewropea. Minħabba dan, il-konvenuta kisret ukoll l-Artikoli 133a u 134 tar-Regoli ta' Implementazzjoni (<sup>2</sup>) u l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE (<sup>3</sup>).

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tinvoka kondotta professjoni hażiha allegata tal-konvenuta minħabba l-użu potenzjali ta' subappaltaturi li ma jaqgħix taħbi WTO/GPA minn wieħed mill-appaltaturi li l-offerta tiegħu rnexxiet.